IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

## Is-Sebgha Legislatura

## Laqgha Annwali tal-Lokalita

17 ta` Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fis-sala tal-Kunsill tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur John Boxall – Sindku ma attendiex minhabba ragunijiet personali

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

Ghal din il-laqgha attendew 12 ir-resident

AĠENDA

1. Rapport Amministrattiv 2016
2. Rapport Finanzjarju 2016
3. Estimi Finanzjarji 2017
4. Kummenti mill-Pubbliku

## 1. Rapport Amministrattiv 2016

Gie moqri r-Rapport Amministrattiv ghas-sena 2016 fejn f`dan ir-rapport isemma` l-hidma kollha li saret mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u mill-Gvern Centrali kif ukoll x` attivatjiet u inzjattivi ttiehdu matul is-sena 2016 fosthom; l-indafa u l-ambjent, agrikoltura, amminsitrazzjoni, toroq, servizz pubbliku ecc.

## 2. Rapport Finanzjarju 2016

L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Laurence Manicaro tah spejgazzjoni dwar kif il-Kunsill Lokali tal-Birgu mar matul is-sena finanzjarja 2016 fejn nforma lil dawk prezenti li matul din is-sena partikulari l-Kunsill Lokali tal-Birgu kellhu deficit ta` €52,669.

## 3. Estimi Finanzjarji 2017

Is-Sur Manicaro spjega li ghal din is-sena l-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu hija ta` €319,456.78 fejn dan ifisser li kien hemm zieda ta` €43,705.78 mis-sena precedenti. Is-Sur Manicaro kompla billi qal li qed janticipa li jekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma jkollhux spejjez kapitali matul is-sena 2017 jista` jaghmel surplus ta` madwar €39,922.

## 4. Kummenti mill-Pubbliku

Fil-hin allokat ghall-kummenti mill-pubbliku, resident xtaq ikun jaf kemm huwa deficit tal-Kunsill fil-prezent. Is-Sur Manicaro wiegeb billi qal li fil-prezent id-deficit li qed jaffaccja l-Kunsill jlehhaq ghal madwar €180,000. Is-Sur Mizzi, Vici-Sindku qal li l-Kunsill ser joghqod aktar attent u bil-ghaqal kif jimmanigja l-flus matul is-snin li gejjin sabiex jittaffa dan id-dejn.

Resident iehor staqsa dwar meta ser issiru sinjali tal-art ta` Triq Desain u Triq il-Kardinal Fabrizio Scibberras fejn issa ilhom xhur li tlestaw mix-xoghlijiet. Il-Vici Sindku, s-Sur Mizzi qal li ghal hafna drabi l-Kunsill talab lill-periti tal-Ministeru ta` Transport u l-Infrastruttura biex jaghmel dawn ix-xoghlijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li matul dik il-gimgha gie rapprezentant minn Transport Malta u marret mieghu fuq il-post biex turih xoghlijiet jridu jsiru.

Resident iehor qal li kawza ta` xita li ghamlet, fi Triq Nestu Laviera hemm zewg hofriet kbar li qeghdin perikoluzi hafna. Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi qal li fil-jiem li gejjin il-Kunsill ser ikun qed jiehu hsieb li jippecja dawn il-hofor bil-haddiema tal-Kunsill stess.

Resident li kien prezenti ghal laqgha fahhar il-Kunsill Lokali tal-Birgu ta` xoghol li jaghmel fil-lokalita u ppropona sabiex il-Kunsill jorganizza korsijiet tal-First Aid ghar-residenti. Is-Sur Mizzi talab lis-Segretarju Ezekuttiv tiehu nota ta` dan is-suggeriment.

Residenta li kienet prezenti ghal laqgha ssugeriet li tizdied gurnata ohra ghal gbir ta` skart riciklabbli. L-istess residenta fahhret il-progett li sar fil-Foss tal-Birgu imma ssugerriet li f`dawk l-ispazji li hemm vojta, fejn hafna minnhom huma biss hamrija, jigu transformati fi spazji ta` rikreazzjoni, fejn tat ezempju li jsir xi tip ta` tree houses riciklabbli ghat-tfal. Din ir-residenta semmiet ukoll l-istat tal-bandli, fejn jmur kontra regolamenti u l-istandards tal-Unjoni Ewropeja. Barra minn hekk qalet li l-bandli qed ikun maghluq kmieni. Din ir-residenta issugerriet sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitlob l-ghajnuna finanzjarja lill-kumpanija Palumbo, liema kumpanija tghin hafna f`dan is-settur. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill fil-prezent m`ghandhux il-fondi necessarji disponibbli biex jaghmel dan il-progett tal-bandli u li kien ser jikkunsidra ssugeriment taghha. Din l-istess residenta ssugerriet sabiex darba fix-xahar fil-gurnata tal-Hadd issir suq tal-arteggjanat fejn ghal dan is-suq jattendu diversi nies u li zgur ser jghin biex rressaq aktar turisti kif ukoll Maltin lejn il-belt tal-Birgu. Ghal dan il-punt, il-Vici-Sindku qal li ser tigi ddiskussa f`laqgha tal-Kunsill. L-ahhar punt li qajmet din ir-residenta kien sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu meta jaghti xi permess li jkun hemm bzonn jitnehhew il-vetturi jew meta jkun hemm bzonn jitnehha l-parkegg minhabba xi festi, ir-residenti, specjalment dawk barrnin ghandhom jigu nfurmati minn granet qabel.

Resident li kien prezenti ghall-laqgha staqsa dwar l-asphalt ta` Triq il-Palazz tal-Gvernatur. Il-Vici Sindku wiegeb li din it-triq taqa` taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali, izda fil-prezent il-Kunsill m`ghandhux fondi bizzejjed biex din it-triq issir kollha mill-gdid imma l-Kunsill ser jara x`jista jaghmel biex jikseb fondi jew ghajnuna mill-Gvern Centrali.

Resident iehor qal li fil-pjazza fejn hemm il-pedament ta` torri tal-arlogg qed jisfronda kollhu u li wiehed jibza` jghaddi minn gol-pjazza ghal mod ta` kif jipparkjaw il-vetturi u kif jsuqu. Is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku qal li l-Kunsill fil-prezent qed jikkunsidra u qieghed f`tahdiet mall-LESA sabiex tigi nstallata kamera fil-pjazza u dan sabiex jinqaghta l-abbuz. Is-Sur Mizzi zied jghid li l-parkegg tal-karrozza tal-linja ser jimxi man-naha tal-bankina u dwar dan diga kien hemm diskussjoni mall-Ministeru ta` Transport u Infrastruttura.

Residenta li kienet prezenti ghall-laqgha staqsiet fejn qeghdin installati l-magni tal-AED. Il-Vici Sindku wiegeb li dawn il-magni qeghdin fil-Knisja ta` San Lawrenz u l-ohra fil-Knisja ta` San Duminku. Din ir-residenta ssugerriet li wahda minn dawn il-magni ghandha tkun

installata f`post prominenti u fejn tkun accessibli 24/7. Dwar dan is-suggeriment il-Vici Sindku qal li ser titiehed nota biex tigi diskussa f`laqgha tal-Kunsill.

Residenta ohra gibdet ghal attenzjoni tal-Kunsill li Triq San Anton hija mkissra kollha u ghandha bzonn issir mill-gdid. Il-Vici Sindku wiegeb li din it-triq taqa` taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali izda fil-prezent, il-Kunsill m`ghandhux fondi bizzejjed biex din it-triq issir kollha mill-gdid imma l-Kunsill ser jara x`jista jaghmel biex jikseb fondi jew ghajnuna mill-Gvern Centrali.

Resident iehor qal li Triq San Filippu mkissra kollha u ghalkemm kemm il darba issewwiet, xorta wahda terga` tinqala kollha. Il-Vici Sindku wiegeb li din it-triq taqa` taht ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali izda fil-prezent, il-Kunsill m`ghandhux fondi bizzejjed biex din it-triq issir kollha mill-gdid imma l-Kunsill ser jara x`jista jaghmel biex jikseb fondi jew ghajnuna mill-Gvern Centrali.

Residenta qalet li l-karrozza tal-linja bin-numru 2 li tghaddi minn Cafe Riche u li mbghad idur lejn Bormla mhux dejjem tieqaf fuq l-istage ta` Cafe Riche. Gibdet ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill li fit-tabella li hemm ma` dan l-istage m`hemmx imnizzel in-numru 2. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill ser jiehu nota ta` dan.

Fi tmiem il-laqgha annwali tal-lokalita', il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi irringrazzja lir-residenti prezenti ghall-interess li wrew fil-ħidma tal-Kunsill u ghall-parteċipazzjoni taghhom f'din il-laqgha.

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha ta` filghaxija (7.00pm)

Konfermati llum 14 ta` Gunju, 2017

| | |
|---|---|
| Ffirmata | Ffrimata |
| Trevor Mizzi<br>Vici-Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Ezekuttiv |